# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 903/2008

## tas-17 ta' Settembru 2008

## dwar kundizzjonijiet speċjali għall-għotja tar-rifużjonijiet ta' esportazzjoni fuq ċerti prodotti tal-laħam tal-majjal

**(Verżjoni kodifikata)**

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabilxxi organizzazzjoni komuni l ta' swieq agrikoli u dwar disposizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (regolament waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikulari l-Artikoli 170 u 192 flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 386/90 tat-12 ta' Frar 1990 dwar is-sorveljanza mwettqa fiż-żmien ta' l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli fiż-żmien li jirċievu r-rifużjonijiet jew ammonti oħra [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2331/97 tal-25 ta' Novembru 1997 dwar il-kundizzjonijiet speċjali għal-għotja tar-rifużjonijiet ta' esportazzjoni fuq ċerti prodotti tal-laħam tal-majjal [3] ġie emendat kemm-il darba [4] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli [5] jipprovdi f'artiklu 21 li l-ebda rifużjoni m'għandha tingħata fejn il-prodotti ma jkunux ta' kwalità tajba u ġusta għat-tqegħid fis-suq fid-data li fiha d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tiġi aċċettata.

(3) Dawn il-ħtigiet madankollu rriżultaw li ma kinux suffiċjenti biex jiżguraw li kundizzjonijiet uniformi japplikaw meta jitħallsu r-rifużjonijiet fuq uħud mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1) (q) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(4) Il-kundizzjonijiet addizzjonali relattati ma' prodotti ta' kwalità medja u li jawtorizzaw il-ħlas ta' rifużjonijiet fuq prodotti ta' kwalità inferjuri li jiġu rifjutati għandhom bħala konsegwenza jiġu stipulati fil-livell tal-Komunità.

(5) Għandha ssir dispożizzjoni għal kwalità addizzjonali fil-każ ta' prodotti li jaqgħu taħt kodifiki NM 1601 00 99 u 1602 49 19, li ma jkunx fihom laħam tat-tjur u li għalihom il-kriterji tal-kwalità għandhom jitqegħdu quddiemnett sabiex jillimitaw kull rifużjoni mogħtija għal dawk il-prodotti fejn il-kwantitajiet stipulati bl-applikazzjonijiet għal-liċenzja ta' l-esportazzjoni jaqbżu jew jistgħu jaqbżu kwantitajiet tradizzjonali.

(6) Huwa essenzjali li ssir dispożizzjoni għall-verifiki biex tigi żgurata konformità ma' dan ir-Regolament; billi dawn il-verifiki għandhom jitmexxew skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2090/2002 tas-26 ta' Novembru 2002 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 386/90 fir-rigward ta' verifiki attwali mwettqa fiż-żmien ta' l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli li jikkwalifikaw għar-rifużjoni [6] u għandu b'mod partikulari jinkludi eżami organolettiku u analiżi fiżiku u kimiku; billi l-applikazzjonijiet għar-rifużjoni għandhom hekk ikunu akkumpanjati b'dikjarazzjoni bil-miktub bil-għan li l-prodotti inkwistjoni jissodisfaw il-ħtiġiet stipulati fihom.

(7) Id-dispożizzjoni għandha ssir dwar ċerti analiżi mfissra b'mod ċar bl-iskop li tigi żgurata *standardisation* tal-verifiki fiżiċi u kimiċi.

(8) Il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni ta' l-Organizazzjoni Komuni għal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

1. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità u b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 800/1999, rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għandhom jingħataw biss għall-prodotti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament ta' hawn mehmus fejn:

(a) jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness I

u

(b) il-kaxxa 44 tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni ġġib il-kliem "oġġetti li jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 903/2008".

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, prodotti manifatturati għall-konsum mill-bniedem u adattati għal dan minħabba l-materja prima wżata, il-preparazzjoni tagħhom f'kundizzjonijiet iġjeniċi sodisfaċenti u l-ippakkjar tagħhom għandhom jitqiesu bħala ta' kwalità kummerċjali soda u ġusta biex titqiegħed fis-suq skond it-tifsira ta' l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 42, 16.2.1990, p. 6.
[3] ĠU L 323, 26.11.1997, p. 19.
[4] Ara l-Anness III.
[5] ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11.
[6] ĠU L 322, 27.11.2002, p. 4.

*Artikolu 2*

Meta jsiru l-verifiki msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2090/2002, il-verifiki fuq il-prodotti koperti b'dan ir-Regolament għandhom jinvolvu:

(a) eżami organoleptiku;

u

(b) analiżi fiżika u kimika bil-metodi stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Ir-Regolament (KE) Nru 2331/97 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l- pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Settembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

José Manuel BARROSO

*Il-President*

*ANNESS I*

**Kundizzjonijiet speċjali għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' esportazzjoni fuq ċerti prodotti ta' laħam tal-majjal**

| Kodiċi NC | Deskrizzjoni | Kodiċi tal-prodott | Kundizzjonijiet |
|---|---|---|---|
| 1601 00 | Zalzett u prodotti simili, tal-laħam, fdal tal-laħam jew demm; preparazzjonijiet ta' l-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti: | | |
| | – Oħrajn: | | |
| 1601 00 91 | – – Zalzett, niexef jew biex jiddellek, mhux imsajjar | | |
| | – – – Li ma fihomx laħam tat-tjur jew fdal tat-tjur | 1601 00 91 9120 | (a) il-kontenut tal-proteina, skond il-piż: minimu 16 % tal-piż nett<br>(b) l-ebda żieda ta' ilma estraneu<br>(ċ) proteini oħra għajr ta' l-annimali huma projbiti |
| | – – – Oħrajn | 1601 00 91 9190 | (a) kontenut ta' proteina ta' l-annimali skond il-piż: minimu 12 % tal-piż nett<br>(b) l-ebda żieda ta' ilma estraneu<br>(ċ) proteini oħra għajr ta' l-annimali huma projbiti |
| 1601 00 99 | – – Oħrajn | | |
| | – – – F'kontenituri li jkun fihom ukoll likwidu li jippriserva, li ma jkunx fihom laħam tat-tjur jew fdal | 1601 00 99 9110 | (a) kontenut ta' proteina ta' l-annimali skond il-piż: minimu 10 % tal-piż nett<br>(b) proporzjon kollaġen/proteini: massimu 0,30<br>(ċ) kontenut ta' ilma estraneu skond il-piż: massimu 25 % tal-piż nett |
| | – – – F'kontenituri li jkun fihom ukoll likwidu li jippriserva | 1601 00 99 9190 | (a) kontenut ta' proteina ta' l-annimali skond il-piż: minimu 8 % tal-piż nett<br>(b) proporzjon kollaġen/proteini: massimu 0,45<br>(ċ) kontenut ta' ilma estranju skond il-piż: massimu 33 % tal-piż nett |
| | – – – Oħrajn, li ma jkunx fihom laħam tat-tjur jew fdal | 1601 00 99 9110 | (a) kontenut ta' proteina ta' l-annimali skond il-piż: minimu 10 % tal-piż nett<br>(b) proporzjon kollaġen/proteini: massimu 0,30<br>(ċ) kontenut ta' ilma estranju skond il-piż: massimu 10 % tal-piż nett |
| | – – – Oħrajn | 1601 00 99 9190 | (a) kontenut ta' proteina ta' l-annimali skond il-piż: minimu 8 % tal-piż nett<br>(b) proporzjon kollaġen/proteini: massimu 0,45<br>(ċ) kontenut ta' ilma estraneu skond il-piż: massimu 23 % tal-piż nett |
| ex 1602 | Laħam ieħor preparat jew priservat, fdal tal-laħam jew demm: | | |
| | – Tal-majjal:: | | |
| ex 1602 41 | – – Perżut jew qatgħat tal-perżut: | | |

| Kodiċi NC | Deskrizzjoni | Kodiċi tal-prodott | Kundizzjonijiet |
|---|---|---|---|
| ex 1602 41 10 | – – – ta' l-annimali ta' l-ispeċi tal-majjal domestiku: | | |
| | – – – – Imsajjar, li fih 80 % mill-piż jew aktar ta' laħam jew xaħam: | | |
| | – – – – – F' imballaġġ immedjat, b' piż nett ta' 1 kg jew aktar | 1602 41 10 9110 | Proporzjoni ilma/proteini fil-laħam ta' massimu 4,3 |
| | – – – – – F' imballaġġ immedjat, b' piż nett ta' 1 kg jew aktar | 1602 41 10 9130 | Proporzjoni ilma/proteini fil-laħam ta' massimu 4,3 |
| ex 1602 42 | – – Spalla u qatgħat mill-ispalla: | | |
| ex 1602 42 10 | – – – annimali ta' l-ispeċi tal-majjal domestiku: | | |
| | – – – – Imsajjar, li fih 80 % mill-piż jew aktar ta' laħam jew xaħam: | | |
| | – – – – – F' imballaġġ immedjat, b' piż nett ta' 1 kg jew aktar | 1602 42 10 9110 | Proporzjoni ilma/proteini fil-laħam ta' massimu 4,5 |
| | – – – – – F' imballaġġ immedjat, b' piż nett ta' 1 kg jew aktar | 1602 42 10 9130 | Proporzjoni ilma/proteini fil-laħam ta' massimu 4,5 |
| ex 1602 49 | – – Oħrajn, inklużi majjali: | | |
| | – – – annimali ta' l-ispeċi i tal-majjal domestiku | | |
| | – – – – Li fih 80 % piż jew aktar laħam jew frattalji tal-laħam, ta' kull tip, inkluż xaħam ta' kull tip jew oriġini: | | |
| ex 1602 49 19 | – – – – – Oħrajn: | | |
| | – – – – – – Imsajjar, li fih 80 % mill-piż jew aktar ta' laħam jew xaħam: | | |
| | – – – – – – – Li ma fihx laħam jew frattalji tat-tajr: | | |
| | – – – – – – – – Li fih prodott kompost minn biċċiet li jingħarfu ta' laħam tal-muskoli li, minħabba d-daqs tagħhom ma jistgħux jiġu identfikati bħala li ġew akkwistati minn perżut, spallejn, ġenbejn jew kullari, flimkien ma' partikoli żgħar ta' xaħam viżibbli u kwantitajiet żgħar ta' depożiti tal-ġelatina | 1602 49 19 9130 | Proporzjoni ilma/proteini fil-laħam ta' massimu 4,5 |

*ANNESS II*

**Metodi ta' analiżi** ([1])

1. **Stabbiliment ta' kontenut ta' proteina**

   Il-kontenut ta' proteina jittieħed li jfisser il-kontenut ta' nitroġenu immultiplikat bil-fattur 6,25. Il-kontenut ta' nitroġenu għandu jiġi stabbilit skond il-metodu ISO 937-1978.

2. **Stabbiliment tal-kontenut ta' l-ilma fi prodotti li jaqgħu taħt l-intestaturi 1601 u 1602 tan-nomenklatura magħquda**

   Il-kontenut ta' l-ilma għandu jkun stabbilit skond il-metodu ISO 1442-1973.

3. **Kalkolazzjoni ta' kontenut ta' ilma estranju**

   Il-kontenut ta' ilma estranju jingħata bil-formola: a-4b, li biha:

   a = kontenut ta' l-ilma;

   b = kontenut ta' proteina.

4. **Stabbiliment ta' kontenut ta' kollaġen**

   Il-kontenut ta' kollaġen jittieħed li jfisser il-kontenut ta' hydroxyproline immultiplikat bil-fattur 8. Il-kontenut ta' hydroxyproline għandu jiġi stabbilit skond il-metodu ISO 3496-1978.

---

([1]) Il-metodi ta' analiżi msemmija f'dan l-Anness huma dawk li japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għal kull emenda sussegwenti għal dawk il-metodi. Huma ppubblikati mis-Segretarjat ta' l-ISO, 1 Rue de Varembé, Ġinevra, l-Isvizzera.

*ANNESS III*

**Regolament imħassar flimkien ma' l-emendi suċċessivi tiegħu**

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2331/97 | (ĠU L 323, 26.11.1997, p. 19) |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 739/98 | (ĠU L 102, 2.4.1998, p. 22) |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2882/2000 | (ĠU L 333, 29.12.2000, p. 72) |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 507/2002 | (ĠU L 79, 22.3.2002, p. 12) |

*ANNESS IV*

**Tabella ta' Korrelazzjoni**

| Regolament (KE) Nru 2331/97 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikoli 1 u 2 | Artikoli 1 u 2 |
| Artiklu 3 | — |
| — | Artiklu 3 |
| Artiklu 4 | Artiklu 4 |
| Annessi I u II | Annessi I u II |
| — | Anness III |
| — | Anness IV |